31998R0280

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 280/98

tat-3 ta' Frar 1998

li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2597/97 li jistabbilixxi regoli addizzjonali dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti mill-ħalib rigward il-ħalib tax-xorb prodott fil-Finlandja u fl-Iżvezja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-L-Artikolu 149 ([1]) tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kunsill itawwal il-perjodu taż-żmien li matulu jistgħu jiġu adottati miżuri transitorji sabiex jiffaċilitaw il-qlib mill-arranġamenti li japplikaw fl-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja fil-waqt ta' l-adeżjoni għal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq; billi, rigward il-ħtiġiet tal-kontenut tal-grass fil-ħalib prodott fil-Finlandja u fl-Isvezja, dan il-perjodu taż-żmien ġie mtawwal għal sal-31 ta' Diċembru 1999;

(2) Billi, skond l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Finlandja u l-Isvezja għandhom deroga mill-ħtiġiet tal-kontenut tal-grass fil-ħalib tax-xorb stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1411/71 ([2]), imħassar u mibdul mill-1 ta' Jannar 1998 bir-Regolament (KE) Nru 2597/97 ([3]); billi din ir-regola tiskafi fil-31 ta' Diċembru 1997; billi, minħabba s-sitwazzjoni speċjali ta' l-Istati Membri interessati u safejn u sakemm huma meħtieġa l-aġġustamenti, din id-deroga għandha tiġi mtawla temporanjament sabiex tippermetti lil dawn l-Istati Membri jaġġustaw ruħhom għall-arranġamenti fis-seħħ fil-bqija tal-Komunità;

(3) Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Minkejja l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 2597/97, il-ħtiġiet tal-kontenut tal-grass ma għandhomx japplikaw għall-ħalib tax-xorb prodott fil-Finlandja u fl-Isvezja bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 1999. Il-ħalib tax-xorb prodott f'dawn iż-żewġ Stati Membri u kopert b'din id-deroga jista' jiġi mqiegħed fis-suq biss fil-pajjiż tal-produzzjoni jew esportat lejn pajjiż terz.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Frar 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 12.
([2]) ĠU L 148, tat-3.7.1971, p. 4.
([3]) ĠU L 351, tat-23.12.1997, p. 13.